A.L. 287 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SWIEQ FINANZJARJI

(KAP. 345)

Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Trasferiment ta' Titoli Elenkati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 49 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bil-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-awtorità kompetenti għall-għanijiet ta' l-Att, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Trasferiment ta' Titoli Elenkati.

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi jista' jistasbbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Trasferiment ta' proprjetà fi titoli elenkati.

2. It-trasferiment ta' proprjetà fi titoli elenkati li huma operati f'*exchange* ta' investimenti rikonoxxut ikun komplet għall-għanijiet kollha tal-liġi mal-ħlas, sħiħ u finali, tal-prezz fejn dak il-ħlas isir permezz ta' sistema ta' pagament approvat u awtorizzat mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond l-artikolu 36 ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; u ma jgħoddux id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili.

Kap. 204.

Kap. 16.

Operazzjonijiet barra minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut. A.L. 286 ta' l-2004.

3. Id-disposizzjonijiet tar-regolament 2 jgħoddu ukoll għal operazzjonijiet barra minn *exchange* ta' investimenti rikonoxxut, skond ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar Negozju barra minn *Exchange* magħmulin taħt l-Att, sakemm il-partijiet fl-operazzjoni ma jiftiehmux espressament mod ieħor.